MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1107/2003

**Adelina Mercieca f'isimha proprio kif ukoll bhala kuratrici ta' binha minuri Lenyx Mercieca**

**VS**
**Claudia Zerafa u Charmel Pace**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettiet illi:

Billi fil-hmistax (15) ta' April 2003, ghall-habta ta' nofsinhar u kwart, il-konvenuta Claudia Zerafa impjegata mal-konvenut l-iehor Charmel Pace li jiggestixxi l-hanut tal-Pastizzi Sphinx Pastizzerjia ta' Marina Street Pieta

waqghet mishun fuq il-minuri Lenyx Mercieca, waqt li kienet qed isservi l-istess atturi;

Billi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-minuri Lenyx weggha serjament u kellu jigi rikoverat l-isptar San Luqa minhabba hruq ta' natura gravi fuq diversi partijiet ta' gismu li sfiguraw lill-istess minuri b'mod mill-aktar gravi f'diversi partijiet tal-gisem tal-minuri kif jidher mic-certifikat tat-tabib li ezamina l-minuri Lenyx Mercieca u li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument A:

Billi bhala rizultat ta' dan l-incident, l-attrici propju et nomine soffriet danni konsistenti fi spejjez ta' kuri mehtiega, telf ta' xoghol, danni derivanti minn dizabilita' permanenti u danni materjali ohra kif se jigi pruvat tul is-smiegh tal-kawza;

Billi dan l-incident sehh unikament tort u htija tal-konvenuti jew min minnhom minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza li jharsu s-sahha ta' persuni fuq il-post tax-xoghol da parti tal-konvenuti;

Billi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru 2003 sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni huma baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li huma l-konvenuti jew min minnhom responsabbli ta' l-incident fuq imsemmi f'liema incident soffrew l-atturi propju et nomine u dan minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tas-sahha fuq il-post tax-xoghol da parti tal-konvenuti;

2. Ghaldaqstant, tillikwida d-danni okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu d-danni likwidati;

Salv kull dritt iehor spettanti lill-atturi skond il-ligi;

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Settembru 2003 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol.3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Claudine Zerafa** a fol.14 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi qabel xejn l-attrici trid tipprova li tabilhaqq hija kuratrici ta’ binha minuri.

2. Illi l-attrici zgur li ma soffriet l-ebda danni u dan kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

3. Illi inoltre it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-konvenuta bl-ebda mod ma tista’ qatt tigi ritenuta responsabbli ghad-danni ghax bl-ebda mod ma wriet imperizja jew negligenza u dan ukoll kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol.15 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Charmel Pace** a fol.18 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici pro et noe stante illi:

2. m’huwiex minnu li l-konvenut eccipjenti huwa responsabbli tal-incident imsemmi mill-attrici.

3. Il-konvenut bl-ebda mod ma jahti ghall-incident li sehh fil-hmistax (15) ta’ April 2003.

Salv eccezzjonijiet ohra kemm–il darba jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat is-sentenza preliminari taghha  a fol 110 dwar ir-responsabilta';

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-1 ta' Dicembru 2006;

Rat id-digriet li bih gie nominat Dr. L. Vella Briffa bhala espert mediku;

Rat ir-relazzjoni tieghu;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lil Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi din is-sentenza hija limitata ghat-tieni u t-tielet talba attrici dwar il likwidazzjoni u konsegwenti kundanna ghall-hlas ta' danni *stante* li l-kwistjoni dwar ir-responsabbilta' ta' l-incident in kwisjtoni giet deciza b'sentenza ta' dina l-Qorti tat-30 ta' Jannar 2006 u konfermata fl-Appell.

L-attrici qed titlob danni rizultanti mill-incident li gara fil-15 ta' April 2003 li fih wegghet it-tarbija taghha Lenyx, liema danni jikkonsistu fi sfregju konsiderevoli fuq gisem it-tifel, f'sidru, dahru, fuq kuxxtejh it-tnejn, idejh it-tnejn u taht geddumu, kif jidher mir-ritratti a fol 30 u skizz ta' l-espert tal-Qorti ezibit mar-relazzjoni tieghu.

Dwar ***damnum emergens***, l-attrici pprezentat dokumentazzjoni fuq l-ispejjez li hija ghamlet minhabba dana l-incident. B'kollox l-ammont ilahhaq ghall Lm351.00 (Ara fol 66 sa 64 – konsistenti fi spejjez ghar-ritratti, *airconditioner*, u konsulent).

## Lucrum cessans

## Disabilita' permanenti

L-attrici xehdet li hi kienet tahdem sakemm kien se jkollha t-tifel. Waqfet meta kienet xaghrejn bi tqala. Meta gara l-incident hija ma kienitx impjegata. Wara l-incident ma regghetx hadmet.

Mill-provi prodotti jirrizulta li kawza ta' dana l-incident it-tifel Lynx sofra 25.5% *burns* kagunati minn mishun.

L-attrici pprezentat certifikat mediku tal-Profs Victor Sultana a fol 5 datat 7 ta' Lulju 2003. Dan xehed li hu kkalkola l-persentagg ta' 25% minhabba l-eta' tat-tarbija, l-ammont ta' *burns*, it-tip taghhom u l-estetika, u ghax dawn ser jikbru mieghu. Li *scar* se tibqa' u se titwal mieghu f'kull direzzjoni. It-tarbija kellha proprjament 30% *surface area* ta' *burns* izda tah 25% *disability*. Hu kkalkola l-persentagg ta' *disability* fuq is-*surface area* ta' hruq.

Dr. Mark Attard Montaldo, Paediartric Consultant, ipprezenta rapport datat 4 ta' Ottubru 2004 ta' meta kien rah lit-tifel l-isptar. Il-*burns* kienu jkopru 25% minn gisem it-tifel.

L-espert nominat minn dina l-Qorti, Dr. Domnic Vella Briffa, konsulent fir-Dipartiment tad-Dermatologija fl-Isptar Boffa minn 1983, ipprezenta rapport fejn iccertifika li Lenyx Mercieca qed isofri minn disabilita' permanenti ta' 15% minhabba dana l-incident. Hu ezamina it-tifel f'Mejju 2007 meta Lenyx kellu hames snin u nofs. Hu sab li l-firxa tac-cikatrici ghadha tidher sewwa minkejja li ghaddew erba' snin mid-data ta' l-incident u fil-medda dina kibret proporzjonalment mat-tifel. Fl-uzu tal-membra ma hemm l-ebda deficit.

Skond l-espert it-tifel ghadda minn trawma fizika li halliet kwazi kwart minn gismu miksi b'gilda cikatrizzata li stkerrhek. Il-funzjoni principali tal-gilda, cjoe li tiksi l-gisem u l-organi vitali, ma gietx kompromessa serjament, izda

jista’ jkun li aktar il-quddiem Lenyx ghad ibati minn konsegwenzi fizici fil-gilda li jipprekludulu certu xoghol bi zvantagg ghal ghejxin tieghu, kif ukoll deficit fi-kwalita’ tal-hajja minhabba konsegwenzi psikologici li jaffettwawh negattivament. (ara *questionnaire* ezibit mar-rapport ta’ l-espert). L-espert ikkonkluda li funzjonalment, estetikament u psikologikament id-dizabilita’ permanenti subita hija ta’ 15%.

Illi ma hemmx dubju li l-espert mediku qed jitkellem dwar danni rejali u d-dizabilita’ permanenti minnu riskontratta hija wahda ta’ natura fizika u apparenti li thalli l-konsegwenza taghha effettivament fuq il-hajja ta’ l-istess minuri, inkluza dik li ghandha valur ekonomiku u emozjonali li taghlaqlu l-opportunita` ghal diversi possibbiltajiet ta’ xoghol.

L-attrici ma qablitx ma’ dan il-persentagg li stabilixxa l-espert tal-Qorti u tirritjeni li minflok ghandu japplika it-25% *disability* li stabilew iz-zewg tobba l-ohra. Il-Qorti ma taqbilx u se toqghod fuq l-opinjoni ta’ l-espert minnha mqabbad kemm ghar ragunijiet li tah l-imsemmi espert kif ukoll billi l-tobba l-ohra kkalkulaw l-persentagg tad-*disabilty* fuq il-kriterju tas-*surface area* tal-*burns* li pero’ mhux il-metodu kif wiehed jikkalkola d-dizabilita’. Inoltre l-espert tal-Qorti ezamina lit-tifel fis-sena 2007 mentri z-zewg tobba l-ohra kienu ezaminawh fit-2003 u 2004 u ghalhekk l-espert tal-Qorti kien f’posizzjoni li jikkostata jekk sarx progress fil-fejqan tat-tifel.

**Minimum wage**

Illi meta gara l-incident it-tifel Lnyx kelluu sena u nofs. Il-Qorti ser tadopera *annual return* ipotetiku mahdum abbazi ta’ dhul fil-gimgha. Il-Qorti ikkunsidrat il-*minimum wage* skond in-*National Standards Lm57 (2007)* kif ukoll iz-zieda fil-*minimum wage* f’dawn l-ahhar snin. Illi meta t-tifel Lnyx jilhaq l-eta` maggorenni il-*minimum wage* probabbilment ser tkun aktar gholja milli hi illum. Hu jista’ jaqbad karriera izda minhabba l-eta` tenera tieghu dan ma jistax jigi stabbilit b’certezza. Ghalhekk in vista ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti

thoss illi dhul taxxabbli ta' Lm80 fil-gimgha ghandu jkun ammont aktar ekwu fic-cirkostanzi.

**Multiplier**

Rigward il-*multiplier*, il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz mhux ragjonevoli li jigi addott bhala *multiplier* il-"*maximum working life expectancy*" u se tiehu n konsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*" u ghalhekk se tadotta *multiplier* ta' 40 sena). Hu minnu illi fir-realta' tal-hajja t-tifel ghandu l-possibilita` li jasal sa l-eta' penzjonabbili izda huwa daqstant iehor veru u anzi, jitqies ragjonevoli, illi wiehed jistenna li t-tifel ma kienx se jibqa' jaghmel l-istess tip ta' xoghol sa l-eta` penzjonabbli.

**Lump sum payment.**

Dwar l-*lump sum payment*, ghandu jsir tnaqqis b'persentagg ta' 20% biex jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji u dan ghaliex ma hux sallum possibbli li jigi moghti hlas ta' l-imghax mid-data li giet kagunata l-hsara. Dan il-persentagg ta' 20% ghal *lump sum payment* ghandu jigi ridott b' rata ta' tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta' l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza. F'dan il-kaz l-incident gara fis-sena 2003 u sallum diga ghaddew hames snin. Ghalhekk ghandhom jitnaqqsu ghaxra fil-mija (10%).

Il-lucrum cessans ghandu allura jigi komputat kif gej:-

1. Paga: Lm80 x 52 Lm4,160
2. *Multiplier* 40 sena (x Lm4,160) Lm166,400.
3. Dizabilita`: 15% Lm24,960.
4. *Lump sum payment deduction* 10% Lm22,464
5. Nofs it-tort: Lm11,232

**Damnum Emergens Lm 351**

| | |
|---|---|
| **<u>Lucrum Cessans</u>** | **<u>Lm 11,232</u>** |
| **Total** | **Lm 11,583** |

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talbiet attrici
tillikwida d-danni fl-ammont ta’ sitta u ghoxrin disa’ mija u wiehed u tmenin euro u tlettax il-centezmi (Euro 26,981.13) ekwivalenti ghal hdax il-elf hames mija u tlieta u tmenin liri maltin ( Lm11,583)
tikkundanna lill-konvenuta Claudia Zerafa thallas is-somma hekk likwidata;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------